

Lussemburgu, 16 ta' April 2018
(OR. en)

7956/18

MAMA 59
CFSP/PESC 341
RELEX 318
SY 4

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' April 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	7941/18 MAMA 58 CFSP/PESC 339 RELEX 316 SY 3 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja – Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja (16 ta' April 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja, adottati mill-Kunsill fit-3613-il laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' April 2018.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IS-SIRJA

1. Il-konflitt Sirjan issa daħal fit-tmien sena tiegħu ta' vjolenza kontinwa u mifruxa, vjolazzjonijiet persistenti u brutali tad-dritt internazzjonali, inkluż abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali, mill-partijiet kollha kif ukoll l-użu ripetut ta' armi kimiċi mir-reġim Sirjan u d-Da'esh. Ir-reġim Sirjan iġorr l-akbar responsabbiltà għas-sitwazzjoni umanitarja katastrofika u t-tbatija tal-poplu Sirjan. Aħna nikkundannaw ferm l-użu kontinwu u ripetut tal-armi kimiċi mir-reġim fis-Sirja, inkluż l-attakk reċenti fuq Douma, li huwa ksur serju tad-dritt internazzjonali u insult għad-deċenza umana. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jifhem li l-attakki mmirati mill-ajru tal-Istati Uniti, Franza u r-Renju Unit fuq faċilitajiet tal-armi kimiċi fis-Sirja kienu miżuri speċifiċi li ttieħdu bl-objettiv uniku li jipprevjenu l-użu ulterjuri tal-armi kimiċi u s-sustanzi kimiċi bħala armi mir-reġim Sirjan biex joqtol lil niesu stess. Il-Kunsill jappoġġa l-isforzi kollha bil-għan tal-prevenzjoni tal-użu tal-armi kimiċi. Din hija l-pożizzjoni espressa f'isem l-UE fl-OPCW.
2. F'dan il-kuntest, filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill dwar is-Sirja, b'mod partikolari dawk tal-4 ta' April 2017, il-Kunsill jaqbel li l-objettivi tal-"Istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sirja" jibqgħu validi.

3. Nissottolinjaw li jenħtieġ li l-momentum tas-sitwazzjoni attwali jintuża biex tingħata ħajja ġdida lill-proċess biex tinstab riżoluzzjoni politika tal-konflitt Sirjan. L-Unjoni Ewropea ttenni li ma jista' jkun hemm l-ebda soluzzjoni militari għall-konflitt Sirjan. Għall-kuntrarju ta' dan, mis-sena li għaddiet 'l hawn, ir-reġim Sirjan, sostnut mill-alleati tiegħu r-Russja u l-Iran, intensifika l-operazzjonijiet militari tiegħu mingħajr ma jqis id-diżgrazzji ċivili. L-UE tikkundanna bl-aktar mod qawwi l-attakki kollha, kemm intenzjonati kif ukoll dawk indiskriminati, kontra l-popolazzjonijiet ċivili, l-infrastruttura ċivili, l-isptarijiet u l-iskejjel. Iċ-ċaħda u t-tfixkil kontinwu u intenzjonat tal-aċċess umanitarju lil dawk fil-bżonn huwa bi ksur sfaċċat tal-prinċipji umanitarji internazzjonali u jrid jieqaf. L-UE tikkundanna l-offensiva tar-reġim appoġġat mir-Russja li kkawżat qerda sħiħa fil-Lvant ta' Ghouta u tappella għall-waqfien minnufih tal-attakki mill-ajru, speċjalment f'Idlib u fin-nofsinhar tas-Sirja. L-UE tappella lill-partijiet kollha fil-konflitt, speċjalment lir-reġim u l-alleati tiegħu, biex jimplimentaw il-waqfien mill-ġlied biex jiġu żgurati l-aċċess umanitarju u l-evakwazzjonijiet mediċi kif maqbula b'mod unanimu bir-Riżoluzzjoni 2401 tal-KSNU. F'dan il-kuntest, il-prospetti għal soluzzjoni politika qed jitbiegħdu. Barra minn hekk, l-operazzjoni militari Torka fil-majjistral tas-Sirja kkomplikat ulterjorment is-sitwazzjoni, wasslet għal spostament sinifikanti tal-popolazzjoni lokali u hija sors ieħor ta' tħassib serju. F'dan ir-rigward, l-UE tiddeplora l-ksur ripetut imwettaq fl-hekk imsejħa żoni ta' tnaqqis ta' tensjoni u thegħeġ lill-garanti ta' Astana, ir-Russja, l-Iran u t-Turkija, biex jiżguraw waqfien tal-ostilitajiet u aċċess umanitarju mingħajr xkiel, sigur u sostenibbli, fis-Sirja kollha, u biex jirrispettaw l-impenji tagħhom lejn il-kisba ta' waqfien mill-ġlied fis-Sirja kollha kif ukoll il-waqfien tal-assedji. L-UE tesprimi tħassib serju dwar rapporti ta' inġinerija soċjali u demografika f'żoni madwar is-Sirja.

4. L-eskalazzjoni militari mill-bidu ta' din is-sena kompliet taggrava s-sitwazzjoni umanitarja diġà mwiegħra fis-Sirja. B'mod partikolari, is-sitwazzjoni fil-Lvant ta' Ghouta u Idlib ddeterjorat b'mod sinifikanti. 13.1 miljun ruħ jeħtieġu assistenza u qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' kwistjonijiet serji ta' protezzjoni, b'6.1 miljun persuna spustati internament u kważi 3 miljun ruħ maqbuda f'żoni assedjati u li diffiċli jintlaħqu. Il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili hija obbligu legali, dover morali, kif ukoll kwistjoni ta' urġenza. Il-kontaminazzjoni minn apparat splussiv tikkawża wkoll tħassib serju. L-UE tibqa' impenjata biex issalva l-ħajjiet u ttaffi t-tbatija billi tindirizza l-ħtiġijiet tal-persuni l-aktar vulnerabbli fil-pajjiż kollu. Il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, li hija r-responsabbiltà primarja tar-reġim Sirjan, u l-iżgurar li l-ġħajnuna tasal fil-ħin u f'konformità mal-prinċipji umanitarji, huma prijoritajiet urġenti. F'dan il-kuntest, l-UE tikkundanna bil-qawwa lill-partijiet fil-konflitt għall-imblukkar u ċ-ċaħda persistenti tal-aċċess umanitarju lill-persuni fil-bżonn, inkluż tal-evakwazzjonijiet mediċi urġenti u t-tneħħija konsistenti mir-reġim Sirjan ta' oġġetti mediċi minn konvojs umanitarji. Jeħtieġ li dan jintemm. L-UE titlob li l-partijiet kollha għall-konflitt, b'mod partikolari r-reġim Sirjan, jagħtu aċċess bla xkiel, mingħajr ostakli, fil-pajjiż kollu, b'mod sikur u sostenibbli, lill-persuni fil-bżonn, ikunu fejn ikunu, f'konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali. Filwaqt li tilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 2393 tal-KSNU f'Diċembru 2017 li toffri għajnuna vitali lil miljuni ta' Sirjani li jeħtieġu assistenza billi titħalla li jkun hemm assistenza transkonfinali, l-UE ser tagħmel kull sforz biex twassal għajnuna umanitarja lill-popolazzjoni kollha fil-bżonn madwar is-Sirja permezz tar-rotot l-aktar diretti. L-UE tikkundanna l-użu tal-qtil bil-ġuħ ta' persuni ċivili bħala metodu ta' gwerra permezz tal-assedju ta' żoni popolati, kif ukoll l-ispostament sfurzat ta' popolazzjonijiet, li t-tnejn li huma jistgħu jitqiesu bħala delitti tal-gwerra jew delitti kontra l-umanità. L-UE ser tkompli bid-diplomazija umanitarja intensiva, inkluż fil-Konferenza Brussell II, biex tesplora l-opzjonijiet kollha biex ittejjeb l-aċċess u l-protezzjoni kif ukoll biex tippromwovi l-prinċipji umanitarji għat-twassil tal-ġħajnuna. L-UE tesprimi wkoll tħassib serju dwar is-sitwazzjoni umanitarja li sejra għall-aġġar fiż-żona tal-majjistral tas-Sirja, b'mod partikolari fir-reġjun ta' Afrin wara l-operazzjoni militari Torka, u tenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-organizzazzjonijiet umanitarji jingħataw aċċess umanitarju sikur, bla xkiel u immedjat. F'dan ir-reġjun u madwar il-pajjiż kollu hemm ħtieġa urġenti li jinħolqu l-kondizzjonijiet għal ritorn sikur, volontarju u dinjituż tal-persuni spustati internament u tar-refuġjati.

5. L-UE ttenni li kwalunkwe soluzzjoni sostenibbli għall-konflitt teħtieġ transizzjoni politika ġenwina f'konformità mar-Riżoluzzjoni 2254 tal-KSNU u l-Komunikat ta' Ġinevra tal-2012, innegożjat mill-partijiet Sirjani fi ħdan il-proċess ta' Ġinevra mmexxi min-NU, u tibqa' impenjata favur l-għaqda, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-istat Sirjan. F'dan il-kuntest, l-UE tfaħħar l-isforzi bla waqfien tar-Rappreżentant Speċjali tan-NU għas-Sirja, is-Sur Staffan de Mistura, biex jiffaċilita l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjonijiet rilevanti kollha tal-KSNU. Il-kumitat kostituzzjonali mmexxi mis-Sirja taħt l-awspiċċi tan-NU f'Ġinevra issa jenħtieġ li jiġi implimentat bħala prijorità u jenħtieġ li rapidament wara jittieħdu passi ulterjuri li jippermettu li jkun hemm proċess ta' transizzjoni politika negożjata. L-UE tiddeplora l-istrateġija tar-reġim Sirjan li tostakola t-taħditiet immexxijin min-NU u tappella lill-alleari tar-reġim biex jiżguraw li r-reġim Sirjan jinvolvi ruħu b'mod sħiħ f'dan il-proċess imwettaq fuq mandat tal-KSNU. L-Unjoni Ewropea ser tagħmel hilita kollha biex tappoġġa soluzzjoni paċifika għall-konflitt Sirjan. Paċi dejjiema fis-Sirja hija l-oġġettiv aħħari tal-UE.
6. L-UE tkompli tappoġġa lill-oppożizzjoni politika Sirjana fl-involviment kostruttiv tagħha fil-proċess politiku f'Ġinevra u l-ħidma tagħha mas-soċjetà ċivili. L-UE tappoġġa l-partekipazzjoni sħiħa u effettiva tan-nisa fil-proċess politiku u tilqa' l-ħidma tal-oppożizzjoni biex jintlaħaq dan l-għan. L-UE tfaħħar il-ħidma tal-Kummissjoni ta' Negożjar Sirjana, id-delegazzjoni tal-oppożizzjoni inklużiva u magħquda fin-negożjati mmexxija min-NU, u l-impenn tagħha lejn soluzzjoni negożjata għall-konflitt.
7. Id-destin tas-Sirja jinsab fil-paċi, id-demokrazija, iċ-ċittadinanza ugwali u l-istat tad-dritt. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taħdem għal dan b'determinazzjoni u konsistenza, għall-poplu Sirjan. L-UE ser tkompli taħdem mas-soċjetà ċivili Sirjana, bħala partijiet ikkonċernati essenzjali fi proċess inklużiv, għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem b'appoġġ għall-paċi u l-istabbiltà fis-Sirja.

8. L-UE tkompli tappoġġa l-isforzi tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh u ttenni li soluzzjoni politika ġenwina f'konformità mal-UNSCR 2254 u l-Komunikat ta' Ġinevra tal-2012 li tindirizza l-kawżi ewlenin tal-estremiżmu vjolenti u t-terroriżmu biss ser twassal għall-qerda dejjiema tad-Da'esh fis-Sirja u r-reġjun usa'. L-UE tissottolinja li l-atturi kollha fis-Sirja għandhom jiffokaw fuq il-ġlieda kontra Da'esh li għadha ma ntemmitx. Il-prevenzjoni ta' qawmien mill-ġdid tal-organizzazzjoni terroristika tibqa' prijorità. Biex tikkontribwixxi għat-telfa dejjiema ta' Da'esh, l-UE ser timpenja ruħha fi sforzi ta' stabbilizzazzjoni fiż-żoni liberati mid-Da'esh mill-Koalizzjoni Globali fil-żona tal-grigal tas-Sirja. Governanza lokali inklużiva, indipendenti u rappreżentattiva ser tkun fattur importanti għall-implimentazzjoni ta' sforzi ta' stabbilizzazzjoni Ewropej aktar komprensivi, sostenibbli u inklużivi.
9. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex jeħilsu lill-persuni kollha li jinsabu f'detenzjoni kontrarjament għad-Dritt Umanitarju Internazzjonali u tal-priġunieri politiċi miżmuma fil-maġġoranza tagħhom fil-ħabsijiet tar-reġim kif ukoll fiċ-ċentri ta' detenzjoni, f'konformità mal-UNSCR 2268. Hija tappella għal informazzjoni dwar każijiet ta' għajbien furzat. Jenħtieġ li jingħata aċċess għall-faċilitajiet kollha ta' detenzjoni lil osservaturi indipendenti. L-UE tipprovdi l-appoġġ sħiħ tagħha għall-isforzi tan-NU biex jinħoloq segretarjat biex isolvi din il-kwistjoni bħala parti mill-proċess ta' Ġinevra.

10. Ir-responsabbiltà u l-ġustizzja tranżizzjonali bbażati fuq proċess ġust li jiffaċilita rikonċiljazzjoni nazzjonali ġenwina huma prerekwiżit għal paċi dejjiema fis-Sirja. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għar-responsabbiltà u l-UE ser tibqa' fuq quddiem nett tal-isforzi favur ir-responsabbiltà u tkompli bil-ħidma bla heda għar-responsabbiltà għall-atroċitajiet imwettqa fil-konflitt Sirjan. Dawk kollha responsabbli għal ksur tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, li wħud minnhom jistgħu jikkostitwixxu delitti tal-gwerra jew delitti kontra l-umanità, iridu jinżammu responsabbli, inkluż dawk li jwettqu delitti kontra gruppi u minoranzi reliġjużi, etniċi u oħrajn. L-impunità għal tali delitti hija inaċċettabbli u għalhekk l-UE ser tkompli tappoġġa d-dokumentazzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-isforzi biex tinġabar evidenza bil-ħsieb ta' azzjoni legali fil-futur. F'dan ir-rigward, l-UE tappoġġa r-rwol importanti tal-Kummissjoni ta' Inkjesta u l-Mekkaniżmu Internazzjonali, Imparzzjali u Indipendenti, u tenfasizza l-importanza ta' aktar kooperazzjoni u li jingħataw riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex dawn ikomplu bil-ħidma essenzjali tagħhom biex tiġi żgurata r-responsabbiltà fis-Sirja. L-UE ttenni l-appell tagħha biex is-sitwazzjoni fis-Sirja titressaq quddiem il-Qorti Kriminali Internazzjonali. Fin-nuqqas ta' possibbiltajiet għal ġustizzja internazzjonali, il-prosekuzzjoni ta' delitti tal-gwerra skont il-ġurisdizzjoni nazzjonali meta possibbli tirrappreżenta kontribut importanti biex il-ġustizzja tiġi żgurata. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati bis-sħiħ sabiex jipprevjenu l-impunità u ser jippruvaw jesploraw il-possibbiltajiet ta' azzjoni miftiehma fil-ħidma għal ġustizzja għall-ksur tad-dritt internazzjonali imwettaq fil-konflitt Sirjan. L-UE ser tkompli tikkunsidra aktar miżuri restrittivi kontra s-Sirja sakemm tibqa' għaddejja r-repressjoni.

11. L-UE ttenni l-kundanna qawwija tagħha tal-użu ripetut ta' armi kimiċi mir-reġim Sirjan u d-Da'esh kif ikkonfermat mill-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Konġunt (MIK) bejn l-OPCW u n-NU u rrapportat mill-Kummissjoni ta' Inkjesta. L-UE hija mħassba wkoll dwar rapporti kontinwi tal-użu ta' armi kimiċi mir-reġim fil-Lvant ta' Ghouta u żoni oħra fis-Sirja f'dawn l-aħħar xhur, inkluż ir-rapporti l-aktar reċenti ta' attakk kimiku devastanti fuq Douma. L-UE tenfasizza t-tħassib serju tagħha dwar il-ksur fis-Sirja tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi u l-projbizzjoni universali tal-użu tal-armi kimiċi. L-UE tappoġġa b'mod sħiħ il-ħidma tal-Missjoni ta' Tiftix tal-Fatti tal-OPCW li tkompli teżamina rapporti dwar l-użu ta' armi kimiċi u tat-Tim ta' Valutazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet li jkompli jeżamina n-nuqqasijiet u d-diskrepanzi fid-dikjarazzjonijiet Sirjani sakemm ikun sodisfatt li l-programm ta' armi kimiċi tas-Sirja jkun żarmat b'mod irriversibbli. F'Lulju 2017 u f'Marzu 2018, l-UE imponiet miżuri restrittivi addizzjonali fuq uffiċjali ta' livell għoli u xjentisti Sirjani għar-rwol tagħhom fl-iżvilupp u l-użu ta' armi kimiċi u tinsab lesta li tikkunsidra li timponi aktar miżuri 'l quddiem. F'dan ir-rigward, l-UE tħeġġeġ lill-KSNU biex jerġa' jistabbilixxi mill-ġdid malajr mekkaniżmu ta' attribuzzjoni indipendenti biex tiġi żgurata r-responsabbiltà għall-awturi ta' attakki kimiċi. F'dan ir-rigward, l-UE jiddispijaċiha għall-veti Russi għat-tiġdid tal-mandat tal-MIK f'Novembru 2017. L-UE tappella lill-pajjiżi kollha biex jużaw l-influwenza tagħhom biex jiġi evitat kull użu ulterjuri ta' armi kimiċi u tappoġġa lis-Sħubija Internazzjonali kontra l-Impunità għall-Użu ta' Armi Kimiċi.

12. L-UE ser tkompli tappoġġa r-reżiljenza tal-popolazzjoni Sirjana, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar is-Sirja. Il-ħidma ser tindirizza l-ħtiġijiet marbuta mal-aċċess sikur u ugwali għal dokumentazzjoni ċivili, l-akkomodazzjoni u d-drittijiet tal-proprjetà sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet tas-Sirjani jiġu ppreservati u li daww spostatati jingħataw il-kundizzjonijiet bażiċi biex ikunu jistgħu jmorru lura lejn djarhom b'mod dinjituż, sikur u volontarju, meta l-kundizzjonijiet ikunu jippermettu. L-UE ser tkompli tipprovdi appoġġ għar-reżiljenza permezz tal-ġħoti ta' edukazzjoni, il-ħolqien ta' impjiegi, l-appoġġ għal strutturi ta' governanza ċivili lokali f'żoni taħt il-kontroll tal-oppożizzjoni, inkluż billi taħdem mal-Gvern Interim Sirjan, u ser taħdem sabiex jiġi evitat il-kollaps tal-amministrazzjoni tal-istat. L-UE ser tipprova żżid l-assistenza, filwaqt li tikkombina l-assistenza transkonfinali mal-appoġġ minn ġewwa s-Sirja u ser timmira li titwassal l-ġħajnuna bħala parti minn sforz akbar biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni fis-Sirja kollha, biex jiġu evitati l-estremiżmu u s-settarjaniżmu vjolenti u biex tinbena r-reżiljenza lokali. L-assistenza tal-UE trid tkun ta' benefiċċju għall-popolazzjoni tas-Sirja u tevita li r-reġim Sirjan jibbenefika b'mod li jagħti leġittimità lill-governanza nazzjonali u lokali tiegħu. L-UE mhux ser timpenja ruħha fi sforzi ta' rkupru/stabilizzazzjoni bikrija fi kwalunkwe parti tas-Sirja li tista' tappoġġa l-inġinerija soċjali u demografika.
13. L-UE ttenni li mhux ser tkun lesta li tgħin fir-rikostruzzjoni tas-Sirja ħlief meta tkun qed titwettag b'mod deċiżiv transizzjoni politika komprensiva, ġenwina u inklużiva, innegożjata mill-partijiet Sirjani fil-konflitt abbażi tar-Riżoluzzjoni 2254 (2015) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Komunikat ta' Ġinevra tal-2012. L-UE tkompli tappoġġa b'mod attiv lin-NU fil-koordinazzjoni tagħha tal-ippjanar tal-istabbilizzazzjoni ċivili ta' wara l-ftehim u ser tibqa' taħdem mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali u donaturi oħrajn. Jenħtieġ li daww li inċitaw il-konflitt jassumu wkoll responsabbiltà speċjali għall-ispejjeż tar-rikostruzzjoni.

14. L-UE tinsab konxja mill-effetti li l-konflitt Sirjan għandu fuq stati ġirien li wrew l-impenn u r-reżiljenza tagħhom biex jospitaw miljuni ta' refuġjati Sirjani matul dawn l-aħħar ftit snin, u tikkonferma l-impenn tagħha li tagħtihom l-appoġġ. Il-Kunsill jilqa' l-kisbiet li saru permezz tal-UE kif ukoll l-assistenza mill-Istati Membri, inkluż il-Fond Fiduċjarju Reġjonali tal-UE b'reazzjoni għall-kriżi Sirjana, u l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Patti bejn l-UE u l-Ġordan u bejn l-UE u l-Libanu, biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet essenzjali tar-refuġjati Sirjani u l-komunitajiet ospitanti tagħhom fir-reġjun. L-UE tinnota li l-kondizzjonijiet għar-ripatrijazzjoni tar-refuġjati Sirjani, kif definiti mill-UNHCR, attwalment mhumieks fis-seħħ. Is-sitwazzjoni fil-pajjiżi ospitanti tibqa' kritika u hemm ħtieġa ovvja li jiġu sostnuti l-isforzi biex jgħinu lil dawn il-pajjiżi biex ilaħħqu mal-isfidi marbuta mal-kriżi tar-refuġjati, inkluż fir-rigward tal-ħtiġijiet tar-refuġjati Palestinjani.

15. Il-Kunsill jilqa' t-tieni Konferenza ta' Brussell dwar "Appoġġ għall-Futur tas-Sirja u r-Reġjun" li ser issir fl-24 u l-25 ta' April 2018 bil-kopresidenza tal-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti, b'segwitu għall-konferenza ta' Brussell ta' April 2017, il-konferenza ta' Londra ta' Frar 2016, il-konferenzi tal-Kuwajt tad-donaturi tal-2013-15, il-Konferenzi ta' Berlin u Helsinki tal-2014 u l-2017. L-oġettiv globali tal-Konferenza huwa li tinżamm l-attenzjoni tal-komunità internazzjonali fuq il-konflitt Sirjan u jissaħħa l-appoġġ għall-popolazzjonijiet milquta. L-oġettivi speċifiċi tal-konferenza huma 3: Ser twassal messaġġ ta' appoġġ internazzjonali wiesa' kontinwu għall-isforzi mmexxija min-NU biex tinsab b'urġenza soluzzjoni politika għall-konflitt, f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, inkluż ir-Risoluzzjoni 2254 tan-NU u l-Komunikat ta' Ġinevra. Ser tindirizza s-sitwazzjoni umanitarja li sejra għall-aġar fis-Sirja, u ttenni l-appoġġ qawwi u kontinwu tal-UE u tal-komunità internazzjonali lill-pajjiżi ġirien li qed jospitaw aktar minn 5.6 miljun refuġjat Sirjan. Il-Konferenza ser tevalwa wkoll l-implimentazzjoni tal-impenji internazzjonali għas-Sirja u r-reġjun li saru sena ilu fi Brussell I u ser tfittex wegħdiet finanzjarji ġodda bil-għan li jindirizzaw il-ħtiġijiet dejjem jikbru fis-Sirja u fir-reġjun. L-UE u l-Istati Membri tagħha, bħala d-donaturi prinċipali li jgħinu biex itaffu l-aġar effetti tal-kriżi Sirjana, b'aktar minn EUR 10.6 biljun f'assistenza pprovduta mill-2011 'l hawn u li wiegħdu żewġ terzi tal-EUR 5.6 biljun imwiegħda fi Brussell I, għal darb' oħra ser jagħmlu wegħda sostanzjali fi Brussell II, filwaqt li jħeġġu lill-komunità internazzjonali biex taqsam il-piż, b'mod partikolari permezz ta' aktar wegħdiet għall-pjan ta' rispons umanitarju tan-NU.